



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2012/0366(COD)

8.7.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-
approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet
amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-
bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati
(COM(2012)0788 – C7-0420/2012 – 2012/0366(COD))

Rapporteur: Robert Goebbels

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-effetti negattivi tat-tipjip fuq is-saħħa tal-bniedem huma inkontestati. It-tabakk jista' jkun il-fattur ta' riskju ewlieni għall-kanser. It-tossiċità kardjovaskulari tan-nikotina hija stabbilita. Skont id-WHO, it-tipjip jikkawża ħames miljun mewta prematura fis-sena mad-dinja kollha. Il-Kummissjoni titkellem dwar 700 000 mewta bikrija fis-sena fl-UE biss. Fl-1999, il-Kummissjoni poġġiet in-numru ta' vittmi tat-tipjip għal 500 000 fis-sena.

Aktar minn għaxar snin wara li ġew introdotti l-aħħar regoli Komunitarji dwar il-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk, il-konsum ma naqasx b'mod radikali. Skont nota tal-librerija tal-PE, fl-2012 kienu ġew ikkonsmati 576 biljun sigarett fl-UE, tnaqqis fil-konsomazzjoni ta' 100 biljun fuq ħames snin. Minkejja l-projbizzjoni tat-tipjip kważi ġenerali fil-postijiet pubbliċi, il-konsum tat-tabakk għamel progress speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa. Filwaqt li inqas minn 30 % tal-Ewropej huma dipendenti fuq it-tabakk, kważi 50 % tan-nies bejn it-18 u l-35 sena jpejpu. Agħar minn hekk, 37 % tal-adolexxenti bejn il-11 u l-15-il sena jaqaw għall-prodotti tat-tabakk. Tgħid hija l-attraenza tal-projbizzjoni?

Ir-rekwiżiti tas-saħħa pubblika jwasslu lill-awtoritajiet internazzjonali u nazzjonali biex isaħħu l-għieda kontra t-tipjip. Madankollu l-projbizzjoni tal-konsum tat-tabakk ma hija prevista mkien għax twassal immedjatament għat-twelid ta' suq illeċitu b'firxa wiesgħa, rigal għall-kriminalità organizzata li diġà investiet ħafna fil-kuntrabandu u l-iffalsifikar.

Is-suq tat-tabakk huwa settur ekonomiku sinifikanti b'madwar 50 000 impjeg fil-qasam tal-produzzjoni u aktar minn 200 000 fil-qasam tad-distribuzzjoni. Anki jekk l-agrikoltura Ewropea ma tkoprix aktar minn 5 % tal-bżonnijiet f'tabakk mhux trattat, madwar 90 000 agrikoltur għandu minnu sors ta' dħul. L-istudju msemmi hawn fuq mill-PE jikkalkula li l-valur totali tas-suq Ewropew tat-tabakk fl-2012 kien ta' 136,5 biljun euro, u dan jinkludi d-dħul tad-dazji u tat-taxxi ta' madwar EUR 79 biljun għall-Istati Membri, li wieħed jista' jgħid huma l-benefiċjarji ewlenin tat-tipjip.

F'dan il-kuntest wieħed isaqsi l-mistoqsija dwar l-oppożizzjoni bejn il-libertà individwali u r-responsabilità tas-soċjetà. Il-Kummissjoni tidher li tirrikonoxxi d-dritt għall-adulti li jpejpu s-sigarri, is-sigarilli u t-tabakk tal-pipa, li huma suġġetti għal skrutinju inqas aħrax mis-sigaretti u t-tabakk tal-brim, prodotti meqjusa aktar attraenti għaż-żgħażaġh. Wara s-seklu 16 u Paracelsus, aħna nafu li "kollox huwa velenu" u li "hija biss id-doża li tagħmel xi ħaġa mhux velenuża". Filwaqt li l-bniedem huwa mortali, il-filosofija dominanti hija dik li jitnaqqas ir-riskju. B'dan il-mod qed jiżdiedu r-riklami kontra l-konsum tal-alkoħol, iz-zokkor, il-melħ, il-laħam, il-prodotti industrijali u l-"junk food". Fl-istess ħin l-istennija tal-għomor qed tiżdied fl-UE kollha fejn l-ambizzjoni aħħarija tas-soċjetà tidher li hija waħda fejn persuna tmut xi darba b'saħħitha!

Madankollu, il-protezzjoni neċessarja għal dawk li ma jpejpu, u r-rapporteur għal opinjoni huwa wieħed minn dawk li qatt ma pejpej, timplika azzjoni b'saħħitha kontra t-tipjip passiv, u politika li toffri mezzi effikaċi għall-waqfien mit-tipjip. Il-prijorità tibqa' l-prevenzjoni tat-tipjip, b'mod partikolari fost l-adolexxenti.

Il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tiġġieled l-attraenza tat-tabakk billi żżid u tespandi r-riklami tas-saħħa fuq il-pakketti, billi dawn tal-aħħar jiġu kollha standardizzati. Madankollu,

il-Kummissjoni ma tiġġustifikax kif l-istandardizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk tista' tnaqqas il-konsum, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh. Din l-istandardizzazzjoni eċċessiva ma tkunx fl-interess tal-erba' gruppi kbar li jaqsmu bejniethom 90 % tas-suq Ewropew?

bbozz tad-direttiva fih 16-il artikolu li jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti ddelegati li ta' spiss jittrattaw l-elementi essenzjali ta' din il-leġislazzjoni. Din tidher eċċessiva. Il-Kummissjoni tippromponi li tippubblika, f'mhux aktar tard minn ħames snin, rapport dwar l-applikazzjoni tad-direttiva l-ġdida, "akkumpanjata mill-proposti kollha ta' emenda" li jitqiesu neċessarji. Dan ir-rapport, u l-proposti ta' emenda, jistgħu jiġu antiċipati, billi tiġi evitata wkoll ristrutturazzjoni kontinwa tad-direttiva permezz ta' bosta atti ddelegati li ħafna drabi jkunu fix-xifer tal-konformità mal-liġi Ewropea.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Id-daqs tas-suq intern tat-tabakk u prodotti relatati, ix-xejra li qed tikber tal-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk li jikkonċentraw il-produzzjoni għall-Unjoni kollha f'numru żgħir biss ta' impjanti tal-produzzjoni fl-Istati Membri u l-kummerċ transkonfinali sinifikanti konsegwenti tat-tabakk u prodotti relatati, jitolbu għal azzjoni leġislattiva fil-livell tal-Unjoni **minflok f'dak nazzjonali** biex jinkiseb it-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern.

Emenda

(6) Id-daqs tas-suq intern tat-tabakk u prodotti relatati, ix-xejra li qed tikber tal-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk li jikkonċentraw il-produzzjoni għall-Unjoni kollha f'numru żgħir biss ta' impjanti tal-produzzjoni fl-Istati Membri u l-kummerċ transkonfinali sinifikanti konsegwenti tat-tabakk u prodotti relatati, jitolbu għal azzjoni leġislattiva **aktar b'saħħitha** fil-livell tal-Unjoni biex jinkiseb it-tħaddim mingħajr xkiel tas-suq intern.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Skont l-Artikolu 114(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "it-Trattat"), għandu jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażaġh.

Emenda

(8) Skont l-Artikolu 114(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "it-Trattat"), għandu jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Il-prodotti tat-tabakk mhumiex komoditajiet ordinarji u minħabba l-effetti partikolarment dannużi tat-tabakk, il-protezzjoni tas-saħħa għandha tingħata importanza kbira, b'mod partikolari, biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażaġh. ***It-tipjip hu problema attwali u globali b'konsegwenzi devastanti, u l-konsum tat-tabakk ħafna drabi jibda fi żmien l-adoxxenza.***

Emenda 3

**Proposta għal direttiva
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Fir-rigward tal-iffissar tal-kontenut massimu, jista' jkun meħtieġ u xieraq li aktar tard jiġi adattat il-kontenut stabbilit jew li jiġu ffissati l-livelli limiti massimi għall-emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu t-tossiċità jew l-effett ta' dipendenza tagħhom.

Emenda

imħassar

Emenda 4

**Proposta għal direttiva
Premessa 15**

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Il-probabbiltà tar-regolamentazzjoni diverġenti qed tiżdied aktar minħabba t-tħassib dwar il-prodotti tat-tabakk, ***inklużi***

Emenda

(15) Il-probabbiltà tar-regolamentazzjoni diverġenti qed tiżdied aktar minħabba t-tħassib dwar il-prodotti tat-tabakk li

l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux, li jkollhom togħma karatterizzanti oħra għajr it-tabakk, li jistgħu jiffaċilitaw il-bidu tal-konsum tat-tabakk jew jaffettwaw ix-xejriet tal-konsum. Pereżempju, f'ħafna pajjiżi, il-bejgħ ta' prodotti mentolati żdied gradwalment anki jekk il-prevalenza tat-tipjip naqset b'mod ġenerali. Għadd ta' studji indikaw li l-prodotti tat-tabakk mentolati jistgħu jiffaċilitaw l-inalazzjoni kif ukoll il-bidu tat-tipjip fost iż-żagħżagħ. Għandhom jiġu evitati l-miżuri li jintroduċu differenzi mhux ġustifikati tat-trattament bejn is-sigaretti mħawra (eż. is-sigaretti bil-mentol u bl-imsiemer tal-qronfol).

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-projbizzjoni tal-prodotti tat-tabakk b'toghmiel karatterizzanti ma tipprojbixxix għal kollox l-użu ta' addittivi individwali, iżda tobbliga lill-manifatturi biex inaqqsu l-addittiv jew it-taħlita ta' addittivi sal-punt li l-addittivi ma jibqgħux jirriżultaw f'togħma karatterizzanti. L-użu ta' *addittivi* meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk għandu jitħalla, ***sakemm dawn ma jirriżultawx f'togħma karatterizzanti.*** Il-Kummissjoni għandha tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni dwar it-toghmiel karatterizzanti. Għandhom jintużaw bordijiet indipendenti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jassistu fit-tali teħid ta' deċiżjonijiet. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tiddiskrimina bejn il-varjetajiet tat-tabakk differenti.

jkollhom togħma karatterizzanti oħra għajr it-tabakk ***u l-mentol***, li jistgħu jiffaċilitaw il-bidu tal-konsum tat-tabakk jew jaffettwaw ix-xejriet tal-konsum.

Emenda

(16) L-użu ta' *ingredjenti ta' dipendenza* meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk se jitħalla. Il-Kummissjoni għandha tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni dwar it-toghmiel karatterizzanti. Għandhom jintużaw bordijiet indipendenti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jassistu fit-tali teħid ta' deċiżjonijiet. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tiddiskrimina bejn il-varjetajiet tat-tabakk differenti.

Ġustifikazzjoni

Għaliex trid tillimita l-għażla tal-konsumaturi adulti u infurmati?

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Meta wieħed jikkunsidra l-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażaġh, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk **li ma jdaħħanx** li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, għandhom jingħataw eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' ċerti ingredjenti **sakemm ma jkunx hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi f'termini ta' volumi ta' bejgħ jew xejriet tal-konsum fir-rigward taż-żgħażaġh.**

Emenda

(18) Meta wieħed jikkunsidra l-fokus tad-Direttiva fuq iż-żgħażaġh, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk **għall-użu orali** li prinċipalment jiġu kkunsmati minn konsumaturi ta' età akbar, għandhom jingħataw eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' ċerti ingredjenti. **Il-Kummissjoni għandha timmonitorja bir-reqqa l-użu tat-tabakk tal-pipa tal-ilma miż-żgħażaġh għax hemm evidenza dejjem tiżdied tal-użu tagħha lil hinn mis-suq tradizzjonali u aktar antik.**

Ġustifikazzjoni

Il-konsum ta' tabakk tal-imnieħer u tal-magħda jinsab biss fi ftit reġjuni tal-Ewropa u hu element li jżomm it-tradizzjonijiet. Barra minn hekk, it-tabakk tal-imnieħer u tal-magħda hu kkunsmat l-aktar minn persuni ta' età akbar. stess eżenzjoni għandha għalhekk tapplika għas-sigarri, is-sigarri ż-żgħar u t-tabakk tal-pipa.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Għadhom jeżistu disparitajiet bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ittikkettar tal-prodotti tat-tabakk, b'mod partikolari fir-rigward **tal-użu** ta' twissijiet tas-saħħa **kkombinati li jikkonsistu fi stampa u f'test**, informazzjoni dwar is-servizzi ta' waqfien mit-tipjip u elementi

Emenda

(19) Għadhom jeżistu disparitajiet bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ittikkettar tal-prodotti tat-tabakk, b'mod partikolari fir-rigward **tad-daqs** ta' twissijiet tas-saħħa, informazzjoni dwar is-servizzi ta' waqfien mit-tipjip u elementi promozzjonali fil-pakketti u fuqhom.

promozzjonali fil-pakketti u fuqhom.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Dawn id-disparitajiet jistgħu joħlqu ostaklu għall-kummerċ u jxekklu t-tħaddim tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk, u għandhom għalhekk jiġu eliminati. Barra minn hekk, il-konsumaturi f'uħud mill-Istati Membri jistgħu jkunu informati aħjar dwar ir-riskji għas-saħħa tal-prodotti tat-tabakk, milli f'oħrajn. Mingħajr azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni, id-disparitajiet eżistenti x'aktarx jiżdiedu fis-snin li ġejjin.

Emenda

(20) Dawn id-disparitajiet jistgħu joħlqu ostaklu għall-kummerċ u jxekklu t-tħaddim tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk, u għandhom għalhekk jiġu eliminati. Barra minn hekk, il-konsumaturi f'uħud mill-Istati Membri jistgħu jkunu informati aħjar dwar ir-riskji għas-saħħa tal-prodotti tat-tabakk, milli f'oħrajn. Mingħajr azzjoni ulterjuri **armonizzanti** fil-livell tal-Unjoni, id-disparitajiet eżistenti x'aktarx jiżdiedu fis-snin li ġejjin.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa u tiġi mmassimizzata l-effikaċja tagħhom, għandhom isiru dispożizzjonijiet rigward id-daqs tat-twissijiet kif ukoll rigward ċerti aspetti tad-dehra tal-pakkett tat-tabakk, inkluż il-mekkaniżmu tal-ftuħ. Il-pakkett u l-prodotti jistgħu jqarrqu lill-konsumaturi, b'mod partikolari liż-żgħażaġh, billi jissuġġerixxu li l-prodotti huma anqas ta' ħsara. Pereżempju, dan huwa l-każ b'ċerti testi jew karatteristiċi, bħalma huma "qatran baxx", "ħfief", "ħfief ħafna", "mhux qawwija" "naturali", "organiċi", "mingħajr *addittivi*", "mingħajr aromi", "irraq", ismijiet, stampi, u sinjali ta' figuri jew oħrajn. ***Bl-istess mod, id-daqs u d-dehra tas-sigarretti individwali jista'***

Emenda

(23) Sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa u tiġi mmassimizzata l-effikaċja tagħhom, għandhom isiru dispożizzjonijiet rigward id-daqs tat-twissijiet kif ukoll rigward ċerti aspetti tad-dehra tal-pakkett tat-tabakk, inkluż il-mekkaniżmu tal-ftuħ. Il-pakkett u l-prodotti jistgħu jqarrqu lill-konsumaturi, b'mod partikolari liż-żgħażaġh, billi jissuġġerixxu li l-prodotti huma anqas ta' ħsara. Pereżempju, dan huwa l-każ b'ċerti testi jew karatteristiċi, bħalma huma "qatran baxx", "ħfief", "ħfief ħafna", "mhux qawwija" "naturali", "organiċi", "mingħajr *ingredjenti ta' dipendenza*", "mingħajr aromi", "irraq", ismijiet, stampi, u sinjali ta' figuri jew oħrajn. Dan għandu jiġi indirizzat ***permezz tal-ippakkjar u l-***

jqarraq lill-konsumaturi billi joħloq l-impresjoni li huma ta' anqas ħsara. Studju riċenti wera wkoll li dawk li jpejpu sigarretti rqaq kienu aktar probabbli li jemmnu li l-marka tagħhom stess tista' tkun ta' anqas ħsara. Dan għandu jiġi indirizzat.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) stati Membri japplikaw regoli differenti fuq l-għadd minimu ta' sigarretti għal kull pakkett. Dawn il-prodotti għandhom jiġu allinjati sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti kkonċernati.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tat-13 ta' Novembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward l-ittikkettar tal-prodotti tat-tabakk u l-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti tipi ta' tabakk għall-użu orali, pprojbixxiet il-bejgħ fl-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' tabakk għall-użu orali. Id-Direttiva 2001/37/KE kkonfermat din il-projbizzjoni. rtikolu 151 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja jagħti lir-Renju tal-Isvezja deroga minn din il-projbizzjoni. ***Il-projbizzjoni tal-bejgħ tat-tabakk għall-użu orali***

ittikkettar xierqa ta' tali prodotti u billi jiġu infurmati l-konsumaturi dwar il-ħsara li jikkawżaw sabiex il-konsumaturi jkunu għal kollox konxju tal-konsegwenzi tal-konsum ta' tali prodott.

Emenda

imħassar

Emenda

(29) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tat-13 ta' Novembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward l-ittikkettar tal-prodotti tat-tabakk u l-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti tipi ta' tabakk għall-użu orali, pprojbixxiet il-bejgħ fl-Istati Membri ta' ċerti tipi ta' tabakk għall-użu orali. Id-Direttiva 2001/37/KE kkonfermat din il-projbizzjoni. rtikolu 151 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Isvezja jagħti lir-Renju tal-Isvezja deroga minn din il-projbizzjoni. ***Madankollu, il-projbizzjoni tal-prodotti tat-tabakk għall-***

għandha tinżamm sabiex tiġi evitata l-introduzzjoni fis-suq intern ta' prodott li jagħmlek dipendenti, għandu effetti negattivi fuq is-saħħa u jattira liż-żgħażaġh. Għal prodotti oħra tat-tabakk li ma jdaħħnux, li mhumiex prodotti għas-suq tal-massa, jitqies li regolamentazzjoni stretta fil-qasam tal-ittikkettar u tal-ingredjenti hija biżżejjed biex tikkontrolla l-espansjoni tas-suq lil hinn mill-użu tradizzjonali tagħhom.

użu orali m'għandhiex taffettwa prodotti tat-tabakk għall-użu orali storikament tradizzjonali, li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom tista' tkun permessa minn Stati Membri individwali. Għal prodotti oħra tat-tabakk li ma jdaħħnux, li mhumiex prodotti għas-suq tal-massa, jitqies li regolamentazzjoni stretta fil-qasam tal-ittikkettar u tal-ingredjenti hija biżżejjed biex tikkontrolla l-espansjoni tas-suq lil hinn mill-użu tradizzjonali tagħhom.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità u l-konsum tagħhom għandu ***jinżamm limitat***. Għalhekk, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk innovattivi. bbligu ta' notifika għall-prodotti ġodda tat-tabakk għandu jiġi impost fuq il-manifatturi u l-importaturi, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jipprojbixxuhom jew jawtorizzawhom. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp u tissottometti rapport ***ħames*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa emendi għal din id-Direttiva.

Emenda 13 Proposta għal direttiva Premessa 34

Emenda

(31) Il-prodotti kollha tat-tabakk għandhom il-potenzjal li jikkawżaw mortalità, morbożità u diżabilità u ***l-manifattura, id-distribuzzjoni*** u l-konsum tagħhom ***għandu jkun regolat***. Għalhekk, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi rigward prodotti tat-tabakk innovattivi. bbligu ta' notifika għall-prodotti ġodda tat-tabakk għandu jiġi impost fuq il-manifatturi u l-importaturi, mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jipprojbixxuhom jew jawtorizzawhom. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp u tissottometti rapport tliet snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa emendi għal din id-Direttiva.

(34) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem⁴² tipprovdi qafas legali biex jiġu vvalutati l-kwalità, is-sikurezza u l-effikaċja tal-prodotti mediċinali ***inklużi l-prodotti li fihom in-nikotina. Għadd sinifikanti ta' prodotti li fihom in-nikotina diġà ġew awtorizzati skont dan ir-reġim regolatorju. L-awtorizzazzjoni tqis il-kontenut ta' nikotina tal-prodott inkwistjoni. Jekk il-prodotti li fihom in-nikotina, li l-kontenut ta' nikotina tagħhom ikun ugwali jew jaqbeż il-kontenut ta' prodott li fih in-nikotina awtorizzat preċedentement skont id-Direttiva 2001/83/KE, ikunu suġġetti għall-istess qafas legali, dan jiċċara s-sitwazzjoni legali, ineħħi d-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, jiżgura trattament indaqs tal-prodotti kollha li fihom in-nikotina li jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' waqfien mit-tipjip u joħloq inċentivi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-waqfien mit-tipjip. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE għal prodotti koperti b'din id-Direttiva jekk il-kundizzjonijiet stipulati bid-Direttiva 2001/83/KE jiġu sodisfatti.***

(34) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem⁴² tipprovdi qafas legali biex jiġu vvalutati l-kwalità, is-sikurezza u l-effikaċja tal-prodotti mediċinali. Il-prodotti li fihom in-nikotina ***barra l-prodotti tat-tabakk koperti minn din id-Direttiva għandhom jiġu rregolati, jew fir-rieżami li ġej tal-pakkett farmaċewtiku jew permezz ta' strument legali speċifiku, ladarba l-istudji attwalment fil-proċess ikunu waslu għal konklużjonijiet validi. Tali strument jista' jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' nikotina b'riskju aktar baxx li fihom jissemmew prodotti li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi biex jieqfu jpejpu, sakemm huma jkollhom twissija tas-saħħa xierqa.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 35

(35) ***Id-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar għandhom jiġu introdotti għal prodotti li fihom in-nikotina taħt il-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva, b'mod li jattiraw l-attenzjoni tal-konsumaturi għar-riskji***

imħassar

potenzjali għas-saħħa.

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-format tar-rappurtar tal-ingredjenti u d-determinazzjoni ta' prodotti b'aromi karatterizzanti jew b'livelli miżjuda ta' tossiċità u effett ta' dipendenza u l-metodoloġija biex jiġi determinat jekk l-prodott tat-tabakk għandux aroma karatterizzanti, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011/43.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Sabiex din id-Direttiva tkun totalment operattiva u sabiex iżżomm il-pass mal-iżviluppi tekniċi, xjentifiċi u internazzjonali fil-manifattura, il-konsum u r-regolamentazzjoni tat-tabakk, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni u tal-adattament tal-kontenut massimu għall-emissjonijiet u l-metodi ta' kejl tagħhom, l-iffissar tal-livelli massimi għall-ingredjenti li jżidu t-tossiċità, l-effett ta' dipendenza jew l-attrazzjoni, l-użu tat-twissijiet tas-saħħa, l-identifikaturi uniċi u l-karatteristiċi ta' sigurtà fl-ittikkettjar u

Emenda

imħassar

Emenda

(38) Sabiex din id-Direttiva ssir operattiva, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni għal elementi mhux essenzjali tad-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Sabiex il-Kummissjoni tibqa' aġġornata bl-iżviluppi tekniċi, xjentifiċi u internazzjonali fil-manifattura, il-konsum

fl-ippakkjar, id-definizzjoni tal-elementi ewlenin għall-kuntratti dwar il-ħażna tad-dejta ma' partijiet terzi indipendenti li jirrevedu ċerti eżenzjonijiet mogħtija lill-prodotti tat-tabakk li mhumiex sigarretti, tabakk tal-brim u prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx u li jirrevedu l-livelli tan-nikotina għall-prodotti li fihom in-nikotina. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

u r-regolazzjoni tat-tabakk, hija għandha tressaq rapport tliet snin wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jiġi vvalutat jekk humiex neċessarji l-emendi għal din id-Direttiva.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi u tippreżenta rapport ħames snin wara d-data tat-trapożizzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa emendi għal din id-Direttiva.

Emenda

imħassar

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(39a) Jitqiegħed enfasi fuq l-importanza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u biex tittieħed azzjoni preventiva, li tipprovdi garanziji pubbliċi, monitoraġġ u konsulenza għaż-żgħażagħ, u t-twettiq ta'

Emenda

kampanji pubbliċi preventivi kontra t-tipjip, partikolarment fl-iskejjel. L-aċċess liberu universali għal konsultazzjonijiet dwar it-twaqqif tat-tipjip u t-trattamenti korrispondenti huma meqjusa vitali.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Stat Membru *li jidhirlu li jeħtieġ iżomm* dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti *għall-aspetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu jitħalla jagħmel dan, għall-prodotti kollha bl-istess mod, fuq il-bażi ta' ħtiġijiet urġenti relatati mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Stat Membru għandu jitħalla jintroduċi dispożizzjonijiet aktar stretti, li japplikaw għall-prodotti kollha bl-istess mod, abbażi ta' raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni speċifika ta' dan l-Istat Membru u sakemm id-dispożizzjonijiet huma ġġustifikati mill-ħtieġa li titħares is-saħħa* pubblika. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali *aktar stretti* għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati, ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti jeħtieġu notifika minn qabel lill-Kummissjoni, kif ukoll approvazzjoni mingħandha, filwaqt li jitqies il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa miksub permezz ta' din id-Direttiva.

Emenda

(40) *Din id-Direttiva għandha l-ħsieb li tarmonizza r-regoli speċifiċi għall-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati, b'hekk tiżgura li l-Istati Membri individwali ma jintroduċux dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali relatati mar-rekwiżiti tat-tikkettar u l-ippakkjar li jmorru lil hinn mid-Direttiva. Jekk Stat Membru diġà għandu dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti, li japplikaw għall-prodotti kollha bl-istess mod dwar aspetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dan għandu jitħalla japplikahom abbażi ta' rekwiżiti urġenti relatati mal-protezzjoni tas-saħħa* pubblika. *Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom, madankollu, ikunu meħtieġa u proporzjonati u ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti jeħtieġu notifika minn qabel lill-Kummissjoni, kif ukoll approvazzjoni mingħandha, filwaqt li jitqies il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa miksub permezz ta' din id-Direttiva.*

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) L-Istati Membri għandhom **jibqgħu ħielsa li jżommu jew jintroduċu l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li japplikaw għall-prodotti kollha bl-istess mod għal aspetti li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' *din id-Direttiva*, sakemm dawn ikunu kompatibbli mat-*Trattat u ma jipperikolawx l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva*. *Konsegwentement*, l-Istati Membri *jistgħu, pereżempju, iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet li jipprovdu standardizzazzjoni tal-ippakkjar tal-prodotti tat-tabakk (inklużi l-kuluri u t-tipa) sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli mat-*Trattat, mal-obbligi tad-WTO u ma jaffettwawx l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva*. Hemm hteġa ta' notifika minn qabel għal regolamenti tekniċi skont *id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti tekniċi u regolamenti u regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-*Informazzjoni*⁴⁴.****

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) stati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta personali tiġi pproċessata biss skont ir-regoli u s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva 95/45/KE Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Emenda

(41) L-Istati Membri għandhom **ikunu jistgħu jadattaw regoli aktar stretti dwar il-prodotti tat-tabakk li huma jħossu meħtieġa biex jiproteġu s-saħħa pubblika, sakemm dawn ir-regoli jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni *tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva*. *Safejn il-prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati jikkonformaw mar-reqwiżiti ta' din id-Direttiva*, l-Istati Membri *ma għandhomx jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-importazzjoni, il-bejgħ jew il-konsum ta' tali prodotti*.**

Emenda

(42) stati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta personali tiġi pproċessata biss skont ir-regoli u s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva 95/45/KE Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. ***Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "addittiv" tfisser sustanza li jkun hemm fi prodott tat-tabakk, ***kull pakkett wieħed tiegħu jew kull ippakkjar estern*** għajr għall-weraq tat-tabakk u partijiet oħra naturali jew mhux ipproċessati mill-pjanti tat-tabakk;

Emenda

(2) "*sustanza ta' dipendenza*" tfisser sustanza li jkun hemm fi prodott tat-tabakk għajr għall-weraq tat-tabakk u partijiet oħra naturali jew mhux ipproċessati mill-pjanti tat-tabakk;

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "togħma karatterizzanti" tfisser riħa jew togħma oħra li tista' tiġi distinta għajr it-tabakk, li tirriżulta minn *addittiv* jew taħlita ta' *addittivi*, li tinkludi iżda mhijiex limitata għall-frott, il-ħwawar, il-ħxejjex aromatiċi, l-alkoħol, il-ħelu, ***il-mentol*** jew il-vanilla li jistgħu jinħassu qabel jew mal-użu maħsub tal-prodott tat-tabakk;

Emenda

(4) "togħma karatterizzanti" tfisser riħa jew togħma oħra li tista' tiġi distinta għajr it-tabakk, li tirriżulta minn *ingredjent ta' dipendenza* jew taħlita ta' *ingredjenti ta' dipendenza*, ***bl-eċċezzjoni tal-mentol***, li tinkludi iżda mhijiex limitata għall-frott, il-ħwawar, il-ħxejjex aromatiċi, l-alkoħol, il-ħelu jew il-vanilla li jistgħu jinħassu qabel jew mal-użu maħsub tal-prodott tat-tabakk;

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) "ingredjent" tfisser *addittiv, tabakk (weraq u partijiet oħra naturali, ipproċessati jew mhux ipproċessati mill-pjanti tat-tabakk inkluż it-tabakk estiż u magħmul mill-ġdid), kif ukoll kull sustanza* preżenti fi prodott tat-tabakk lest inklużi l-karta, il-filtru, il-linka, il-kapsuli u l-adeżivi;

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) "*bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi*" tfisser *żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti, bħat-tabakk tal-pipa, is-sigarru, is-sigarru żgħir, b'mill-inqas 10 % f'mill-anqas 10 Stati Membri, ibbażata fuq il-dejta tal-bejgħ trażmessa skont l-Artikolu 5(4); jew żieda fil-livell ta' prevalenza fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b'ħames*

Emenda

(18) ingredjent" tfisser *kwalkunwe ingredjent ta' dipendenza* preżenti fi prodott tat-tabakk lest inklużi l-karta, il-filtru, il-linka, il-kapsuli u l-adeżivi;

Emenda

(23a) "*prodotti tat-tabakk b'riskju aktar baxx*" tfisser *prodott tat-tabakk li hu mfassal u kkummerċjalizzat biex inaqqs ir-riskji tat-tipjip meta mqabbel mal-prodotti tat-tabakk konvenzjonali, speċjalment is-sigaretti, li jkun imqiegħed fis-suq wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

Emenda

imħassar

punti perċentwali f'mill-anqas 10 Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva bbażata fuq _____ [din id-data se tiġi stabbilita fil-mument tal-adozzjoni tad-Direttiva] rapport tal-Ewrobarometru jew studji ta' prevalenza ekwivalenti;

Ġustifikazzjoni

F'haqna Stati Membri, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal l-10 % żieda fil-bejgħ, tista' ssejnh malajr, minħabba li l-konsum tas-sigarri u tat-tabakk tal-pipa hu ferm baxx hemm.

Emenda 27

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36a) "tabakk magħmul mill-ġdid" tfisser ir-riżultat tal-ħadma ta' partijiet differenti tal-pjanta tat-tabakk mid-dris u l-manifattura tal-prodotti tat-tabakk, kemm jekk użat bħala folja li tgeżwer is-sigarri jew is-sigarilli jew bħala folja jew ħjut individwali f'taħlita ta' tabakk għas-sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk.

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva trid tikkunsidra u tiddefinixxi sew il-prodotti kollha tat-tabakk u tekniki attwalment magħmula mill-ġdid sabiex ikunu implimentati regoli identiċi fis-suq intern kollu.

Emenda 28

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-kontenut tas-sigaretti li jitqiegħdu fis-suq *jew immanufatturati* fl-Istati Membri ma għandhux ikun akbar minn:

1. Il-kontenut tas-sigaretti li jitqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri ma għandhux ikun akbar minn:

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 22 biex tadatta l-kontenuti massimi stabbiliti fil-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-iżvilupp xjentifiku u l-istandards miftiehma internazzjonalment.

imħassar

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kontenuti massimi stabbiliti minnhom għal emissjonijiet oħra tas-sigaretti u għall-emissjonijiet tal-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti. Meqjusa l-istandards miftiehma internazzjonalment, fejn disponibbli, u abbażi tal-evidenza xjentifika u tal-kontenut notifikat mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 22 biex tadotta u tadatta l-kontenuti massimi għal emissjonijiet oħra tas-sigarretti u għall-emissjonijiet tal-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti li jżidu b'mod apprezzabbli l-effett tossiku jew ta' dipendenza tal-prodotti tat-tabakk lil hinn mil-limitu tat-tossiċità u l-effett ta' dipendenza li joriġina mill-kontenuti tal-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju stabbiliti fil-paragrafu 1.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 290(1) TFUE, rikors għall-atti delegati jista' biss ikun ġustifikat fir-rigward ta' elementi mhux essenzjali tad-direttiva.

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tadatta l-metodi ta' kejl tal-qatran, in-nikotina u l-monossidu tal-karbonju, filwaqt li tqis l-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi u l-istandards miftiehma internazzjonalment.

imħassar

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-metodi ta' kejl li jużaw għal emissjonijiet oħra tas-sigarretti u għall-emissjonijiet tal-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti. Abbażi ta' dawn il-metodi, u billi jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi kif ukoll l-istandards miftiehma internazzjonalment, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 22 biex tadotta u tadatta l-metodi ta' kejl.

imħassar

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

stati Membri għandhom jeżiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jibgħatu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom lista tal-ingredjenti kollha, u l-kwantitajiet tagħhom, użati fil-manifattura tal-prodotti tat-tabakk skont l-isem tad-ditta u t-tip, kif ukoll l-emissjonijiet tagħhom u l-kontenuti. Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom jinformat ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jekk il-kompożizzjoni ta' prodott tiġi modifikata u taffettwa l-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu. nformazzjoni meħtieġa skont dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodott tat-tabakk ġdid jew modifikat.

Emenda

stati Membri għandhom jeżiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom lista tal-ingredjenti kollha, u l-kwantitajiet tagħhom, użati fil-manifattura tal-prodotti tat-tabakk skont l-isem tad-ditta u t-tip, kif ukoll l-emissjonijiet tagħhom u l-kontenuti ***li jirriżultaw mill-użu maħsub***. Il-manifatturi jew l-importaturi għandhom jinformat ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jekk il-kompożizzjoni ta' prodott tiġi modifikata u taffettwa l-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu. nformazzjoni meħtieġa skont dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodott tat-tabakk ġdid jew modifikat.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika bil-għan li ma jobbligawx lill-manifatturi li jwettqu testijiet għaljin rigward l-emissjonijiet ta' partijiet tal-prodotti li taħt kundizzjonijiet ta' użu maħsub ma jinħarqux eż. filtri tas-sigaretti.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tixrid tal-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 fuq websajt ***apposta***, li tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali. Huma u jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-ħtieġa li jipproteġu l-informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tixrid tal-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 1 fuq websajt li tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali. Huma u jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-ħtieġa li jipproteġu l-informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet

kummerċjali.

kummerċjali.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttiprovdi kjarifika li l-websajt disponibbli pubblikament huwa biżżejjed għall-iskop; ma hemmx bżonn li l-Istati Membri joħolqu websajt totalment ġdid.

Emenda 35 **Proposta għal direttiva** **Artikolu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti.

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu l-użu ta' addittivi li huma essenzjali għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk, **sakemm l-addittivi ma jirriżultawx fi prodott b'togħma karatterizzanti.**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha wara talba ta' Stat Membru jew tista' fuq inizzjattiva tagħha stess, tiddetermina permezz ta' atti ta' implimentazzjoni jekk prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21. Kapitolu IV Artikolu 56 Artikolu 57 Artikolu 58 Artikolu 59

Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz tal-atti ta' implimentazzjoni regoli uniformi tal-proċeduri biex jiġi determinat jekk prodott jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti **jekk jiġi xjentifikament pruvat li l-addittiv ikkonċernat iżid l-effett tossiku, ta' dipendenza jew ta' ħsara tal-prodott b'mod apprezzabli.**

L-Istati Membri ma għandhomx **irrestringu jew** jipprojbixxu l-użu ta' addittivi li huma essenzjali għall-manifattura tal-prodotti tat-tabakk.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu.

imħassar

*msemmija fl-Artikolu 21. Kapitolu IV
Artikolu 56 Artikolu 57 Artikolu 58
Artikolu 59*

3. Fil-każ li l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 turi li ċertu addittiv jew taħlita ta' addittivi tipikament tagħti togħma karatterizzanti meta taqbeż ċertu livell ta' preżenza jew konċentrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tistabbilixxi livelli massimi għal dawg l-addittivi jew taħlita ta' addittivi li jikkawżaw togħma karatterizzanti.

4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-addittivi li ġejjin fi prodotti tat-tabakk:

(a) vitamini u addittivi oħra li joħolqu l-impresjoni li prodott tat-tabakk huwa ta' benefiċċju għas-saħħa jew jippreżenta inqas perikli għas-saħħa, jew

(b) kafeina u tawrina u addittivi oħra u komposti stimulanti li huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità, jew

(c) addittivi li għandhom proprjetajiet koloranti għall-emissjonijiet.

5. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu ta' ħwawar fil-komponenti tal-prodotti tat-tabakk bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tat-togħma jew tal-intensità tad-duħħan. Il-filtri u l-kapsuli ma għandux ikun fihom it-tabakk. Or it

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma applikati fuq il-prodotti tat-tabakk kif inhu xieraq.

7. L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' evidenza xjentifika, jipprojbixxu t-tqegħid

4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-addittivi li ġejjin fi prodotti tat-tabakk:

a) vitamini u addittivi oħra li joħolqu l-impresjoni li prodott tat-tabakk huwa ta' benefiċċju għas-saħħa jew jippreżenta inqas perikli għas-saħħa, jew

(b) kafeina u tawrina u addittivi oħra u komposti stimulanti li huma assoċjati mal-enerġija u l-vitalità, jew

(c) addittivi li għandhom proprjetajiet koloranti għall-emissjonijiet.

5. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu ta' ħwawar fil-komponenti tal-prodotti tat-tabakk bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tat-togħma jew tal-intensità tad-duħħan *fejn dawn iżidu b'mod apprezzabbli fl-istadju tal-konsum l-effett tossiku jew ta' dipendenza ta' prodott tat-tabakk*. Il-filtri u l-kapsuli ma għandux ikun fihom it-tabakk. Or it

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma applikati fuq il-prodotti tat-tabakk kif inhu xieraq.

7. L-Istati Membri għandhom, abbażi ta' evidenza xjentifika, jipprojbixxu t-tqegħid

fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'adittivi fi kwantitajiet li jżidu b'mod apprezzabbli fl-istadju tal-konsum l-effett tossiku jew ta' dipendenza tal-prodott tat-tabakk.

8. Il-Kummissjoni għandha wara talba ta' Stat Membru jew tista' fuq inizjattiva tagħha stess, tiddetermina permezz ta' att ta' implimentazzjoni jekk prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika.

9. Fil-każ li l-evidenza xjentifika u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-paragrafi 7 u 8 juru li ċertu addittiv jew ċerta kwantità tiegħu tamplifika b'mod apprezzabbli fl-istadju tal-konsum l-effett tossiku jew ta' dipendenza ta' prodott tat-tabakk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tistabbilixxi livelli massimi għal dawk l-addittivi.

10. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti, it-tabakk tal-brim ***u l-prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux*** għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 5. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tirtira din l-eżenzjoni jekk ikun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.***

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Biex tkun żgurata l-integrità grafika u l-viżibilità tagħhom, it-twissijiet tas-saħħa

fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'adittivi fi kwantitajiet li jżidu b'mod apprezzabbli fl-istadju tal-konsum l-effett tossiku jew ta' dipendenza tal-prodott tat-tabakk.

8. Il-Kummissjoni għandha wara talba ta' Stat Membru jew tista' fuq inizjattiva tagħha stess, tiddetermina permezz ta' att ta' implimentazzjoni jekk prodott tat-tabakk jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika.

9. Fil-każ li l-evidenza xjentifika u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-paragrafi 7 u 8 juru li ċertu addittiv jew ċerta kwantità tiegħu tamplifika b'mod apprezzabbli fl-istadju tal-konsum l-effett tossiku jew ta' dipendenza ta' prodott tat-tabakk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tistabbilixxi livelli massimi għal dawk l-addittivi.

10. Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigarretti ***u*** t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 5.

Emenda

3. Biex tkun żgurata l-integrità grafika u l-viżibilità tagħhom, ***u mingħajr preġudizzju***

għandhom jiġu stampati b'mod li ma jkunux jistgħu jitneħħew, b'mod indelibbli u bl-ebda mod moħbijin jew interrotti, inkluż permezz ta' bolol tat-taxxi, marki tal-prezz, marki ta' provenjenza u traċċar, karatteristiċi ta' sigurtà jew kwalunkwe tip ta' tqartis, borża, għata, kaxxa jew mezz ieħor jew bil-ftuħ tal-pakkett individwali.

għad-dispożizzjonijiet ta' ttikkettar fl-Artikoli 10 u 11, it-twissijiet tas-saħħa għandhom jiġu stampati b'mod li ma jkunux jistgħu jitneħħew **jew imwahnha b'mod li ma jkunux jistgħu jitneħħew**, b'mod indelibbli u bl-ebda mod moħbijin jew interrotti, inkluż permezz ta' bolol tat-taxxi, marki tal-prezz, marki ta' provenjenza u traċċar, karatteristiċi ta' sigurtà jew kwalunkwe tip ta' tqartis, borża, għata, kaxxa jew mezz ieħor jew bil-ftuħ tal-pakkett individwali.

Ġustifikazzjoni

Twissijiet tas-saħħa fuq pakketti tas-sigaretti huma diġà stampati fuq il-pakketti. Madankollu, fuq il-pakketti tas-sigarri u prodotti speċjalizzati oħra, l-istampar fuq l-imballaġġ se jiffa' piż sproporzjonat fuq il-produtturi, li ħafna drabi jkunu kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Li ma kien hemm l-ebda rapport fuq stikers ta' twissija tas-saħħa li ġew jitneħħew mill-ippakkeġġjar. Għalhekk, il-valur miżjud tal-istampar fuq il-pakketti mhuwiex evidenti.

Emenda 37 **Proposta għal direttiva** **Artikolu 8 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għall-pakketti tas-sigaretti t-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni għandhom ikunu stampati fuq in-naħat laterali tal-pakketti individwali. ***Dawn it-twissijiet għandu jkollhom wisa' ta' mhux inqas minn 20 mm u għoli ta' mhux inqas minn 43 mm.*** Għat-tabakk tal-brim, il-messaġġ ta' informazzjoni għandu jiġi stampat fuq il-wiċċ li jsir viżibbli meta jinfetaħ kull pakkett individwali. Kemm it-twissija ġenerali kif ukoll il-messaġġ tal-informazzjoni għandhom ikopru 50 % tal-wiċċ li fuqu jkunu stampati.

Emenda 38 **Proposta għal direttiva** **Artikolu 8 – paragrafu 4**

Emenda

3. Għall-pakketti tas-sigaretti t-twissija ġenerali u l-messaġġ ta' informazzjoni għandhom ikunu stampati fuq in-naħat laterali tal-pakketti individwali. Għat-tabakk tal-brim, il-messaġġ ta' informazzjoni għandu jiġi stampat fuq il-wiċċ li jsir viżibbli meta jinfetaħ kull pakkett individwali. Kemm it-twissija ġenerali kif ukoll il-messaġġ tal-informazzjoni għandhom ikopru 50 % tal-wiċċ li fuqu jkunu stampati.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 22:

imħassar

(a) biex tadatta l-kliem tat-twissijiet tas-saħħa stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għal żviluppi xjentifiċi u tas-suq;

(b) biex tiddefinixxi l-pożizzjoni, il-format, il-layout u d-disinn tat-twissijiet tas-saħħa definiti f'dan l-Artikolu, inklużi l-karattru tat-tipa u l-kulur tal-isfond tagħhom.

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ikopru 75 % tal-erja esterna tal-wiċċ ta' quddiem u ta' wara tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern.

(c) ikopru 50 % tal-erja esterna tal-wiċċ ta' quddiem u ta' wara tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern b'50 % ta' dik l-erja li tipprovi informazzjoni dwar it-twaqqif tat-tippjip.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

e) jitqegħdu fuq ix-xifer ta' fuq tal-pakkett individwali u ta' kwalunkwe ppakkjar estern, u fl-istess direzzjoni bħal kwalunkwe informazzjoni oħra li tidher fuq l-ippakkjar;

e) jitqegħdu fl-istess direzzjoni bħal kwalunkwe informazzjoni oħra li tidher fuq l-ippakkjar;

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit li t-twissijiet tas-saħħa għandhom jidhru fit-tarf ta' fuq tal-pakkett individwali u fuq barra ta' kwalunkwe imballaġġ jagħmilha diffiċli ħafna għall-ħwienet li jagħmlu distinzjoni bejn ditti differenti ta' manifatturi, fid-dawl tad-disinn tal-ħwienet tar-revisti l-

gazzetti (u mini-supermarkets). Sabiex jissostitwixxi l-għamara tal-ħanut, is-sidien tal-ħwienet, li l-marġini tagħhom diġà qiegħed jiċkien, jkollhom jagħmlu investimenti sostanzjali Barra minn hekk, ir-riċerka turi li ħwienet li jbigħu revisti u gazzetti huma dipendenti ħafna fuq il-bejgħ tat-tabakk.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) għall-pakketti individwali tas-sigarretti, jirrispettaw id-dimensjonijiet li ġejjin:

imħassar

(i) għoli: mhux inqas minn 64 mm;

(ii) wisa': mhux inqas minn 55 mm;

Ġustifikazzjoni

Mhijiex il-forma tal-pakkett li toħloq id-dipendenza. Jekk id-dimensjonijiet u l-forma tal-kontenuti tal-prodotti tat-tabakk jiġu armonizzati wisq, il-Kummissjoni tasal biex toħloq suq bla valur li jelimina l-manifatturi żgħar, filwaqt li fl-aħħar mill-aħħar iservi ta' profitt għall-4 gruppi kbar li diġà jaqsmu bejniethom 90 % tas-suq Ewropew.

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) għall-ippakkjar tas-sigaretti tal-brim u l-ippakkjar tat-tabakk b'erja tal-wiċċ akbar minn 75 cm² għandhom jokkupaw minn tal-anqas 22.5 cm² tal-wiċċ. Dik l-erja għandha tiżdied għal 24 cm² għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 26.25 cm² għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 3

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex:

imħassar

(a) taddatta l-kitba tat-twissijiet elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva biex jittieħed kont tal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi;

(b) tistabbilixxi u taddatta l-librerija tal-istampi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jittieħed kont tal-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq;

(c) tiddefinixxi l-pożizzjoni, il-format, l-layout, id-disinn, ir-rotazzjoni u l-proporzjonijiet tat-twissijiet tas-saħħa;

(d) b'deroga mill-Artikolu 7(3), tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom it-twissijiet tas-saħħa jistgħu jinkisru fil-ftuħ tal-pakkett b'tali mod li jkunu żgurati l-integrità grafika u l-viżibilità tal-kitba, ir-ritratti u l-informazzjoni dwar il-waqfien mit-tipjip.

Emenda 44
Proposta għal direttiva
Artikolu 10

1. It-tabakk għat-tipjip barra s-sigarretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 8(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati skont l-Artikolu 9. Barra mit-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 8(1), kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern ta' dawn il-prodotti għandhom juru kliem ta' twissija elenkat fl-Anness I. It-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 8(1) għandha tinkludi referenza għas-servizzi għall-waqfien mit-tipjip skont l-Artikolu 9(1)(b).

1. It-tabakk għat-tipjip barra s-sigarretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 8(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati skont l-Artikolu 9. Barra mit-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 8(1), kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern ta' dawn il-prodotti għandhom juru kliem ta' twissija elenkat fl-Anness I. It-twissija ġenerali speċifikata fl-Artikolu 8(1) għandha tinkludi referenza għas-servizzi għall-waqfien mit-tipjip skont l-Artikolu 9(1)(b).

It-twissija ġenerali għandha tkun stampata fuq il-wiċċ l-aktar li jidher tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Il-kliem tat-twissijiet elenkati fl-Anness I għandhom jinbidlu b'tali mod li tiġi garantita d-dehra regolari tagħhom. Dawn it-twissijiet għandhom ikunu stampati fuq il-wiċċ li jidher l-aktar tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern.

2. It-twissija ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri 30 % tal-erja esterna tal-wiċċ li jikkorrispondi tal-pakkett individwali jew kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 35 % għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

3. Il-kliem tat-twissija msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkopri 40 % tal-erja esterna tal-wiċċ li jikkorrispondi tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 45 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 50 % għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

4. It-twissija ġenerali u l-kliem tat-twissija msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) stampati b'tipa **Helvetica** sewda grassa fuq sfond abjad. Biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet lingwistiċi, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu d-daqs tat-tipa, bil-kundizzjoni illi d-daqs tat-tipa speċifikat fil-leġiżlazzjoni tagħhom ikun tali li jokkupa l-akbar proporzjon possibbli tal-erja merfugħa għall-kliem meħtieġ;

(b) iċċentrati fil-erja li fiha huwa meħtieġ li jiġu stampati, paralleli mat-tarf ta' fuq tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar estern;

It-twissija ġenerali għandha tkun stampata jew imwahnha b'mod li ma tinqalax fuq il-wiċċ l-aktar li jidher tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Il-kliem tat-twissijiet elenkati fl-Anness I għandhom jinbidlu b'tali mod li tiġi garantita d-dehra regolari tagħhom. Dawn it-twissijiet għandhom ikunu stampati jew imwahnlin b'mod li ma jinqalgħux fuq il-wiċċ li jidher l-aktar tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern.

2. It-twissija ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri 30 % tal-erja esterna tal-wiċċ li jikkorrispondi tal-pakkett individwali jew kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 35 % għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

3. Il-kliem tat-twissija msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkopri 40 % tal-erja esterna tal-wiċċ li jikkorrispondi tal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 45 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 50 % għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

4. It-twissija ġenerali u l-kliem tat-twissija msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) stampati b'tipa sewda grassa fuq sfond abjad. ***It-twissijiet jistgħu jitwahnlu permezz ta' stikers, sakemm dawn l-istikers ma jistgħux jitnehew.*** Biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet lingwistiċi, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu d-daqs tat-tipa, bil-kundizzjoni illi d-daqs tat-tipa speċifikat fil-leġiżlazzjoni tagħhom ikun tali li jokkupa l-akbar proporzjon possibbli tal-erja merfugħa għall-kliem meħtieġ;

(b) iċċentrati fil-erja li fiha huwa meħtieġ li jiġu stampati ***jew imwahnha b'mod li ma jinqalgħux,*** paralleli mat-tarf ta' fuq tal-pakkett individwali u kwalunkwe ppakkjar

(c) imdawra minn burdura sewda ta' mhux anqas minn 3 mm u mhux aktar minn 4 mm fil-wisa' ġewwa l-wiċċ riżervat għall-kliem tat-twissija.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22, sabiex tirtira l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1 jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

Emenda 45 Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tiġi stampata fuq ***l-akbar żewġ uċuh*** tal-pakkett individwali, u kull ippakkjar estern;

estern;

(c) imdawra minn burdura sewda ta' mhux anqas minn 3 mm u mhux aktar minn 4 mm fil-wisa' ġewwa l-wiċċ riżervat għall-kliem tat-twissija.

imħassar

Emenda

(a) tiġi stampata ***jew imwahnla*** fuq ***l-aktar wiċċ viżibbli*** tal-pakkett individwali u ***addizzjonalment fuq*** kull ippakkjar estern ***użat f'konnessjoni mal-prodott, bl-eċċezzjoni ta' tgeżwir addizzjonali trasparenti għal kollox.***

Ġustifikazzjoni

Speċjalment għal kumpaniji ta' daqs żgħir u medju, il-piż tal-istampar fuq il-pakketti b'volumi baxxi ta' produzzjoni jidher sproporzjonat. Għandha tkun permessa l-istiker, kif inhi l-prattika attwali.

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tadatta r-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2 billi jittieħdu in konsiderazzjoni l-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq.

Emenda

imħassar

Emenda 47
Proposta għal direttiva
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-tikkettar tal-pakkett individwali u kull ppakkjar estern u l-prodott tat-tabakk innifsu ma għandhomx jinkludi kwalunkwe element jew karattersitika li:

(a) tippromwovi prodott tat-tabakk b'mezzi li huma foloz, qarrieqa, żleali jew li aktarx toħloq impressjoni żbaljata dwar il-karatteristiċi tiegħu, l-effetti fuq is-saħħa, il-perikli jew l-emissjonijiet;

(b) tissuġġerixxi li prodott tat-tabakk partikolari huwa anqas ta' ħsara minn oħrajn jew għandu effetti ta' vitalità, enerġetiċi, ta' fejqan, li jirriġovinaw, naturali, organiċi jew inkella effetti pożittivi fuq is-saħħa jew soċjali;

(c) tirreferi għall-palat, it-togħma, kwalunkwe ħwawar jew addittivi oħra jew l-assenza tagħhom;

(d) tixbah prodott tal-ikel.

2. L-elementi u l-karatteristiċi pprojbiti jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal kliem, simboli, ismijiet, marki kummerċjali, sinjali figurattivi jew sinjali oħrajn, kuluri qarrieqa, inserzjonijiet jew materjal addizzjonali ieħor bħalma huma tikketti li jeħlu, stickers, onserts, scratch-offs u sleeves jew jirreferu għall-għamla tal-prodott tat-tabakk innifsu. ***Is-sigarretti b'dijametru ta' inqas minn 7.5 mm għandhom jitqiesu bħala qarrieqa.***

Emenda 48
Proposta għal direttiva
Artikolu 13

Emenda

1. It-tikkettar tal-pakkett individwali u kull ppakkjar estern u l-prodott tat-tabakk innifsu ma għandhomx jinkludi kwalunkwe element jew karattersitika li:

(a) tippromwovi prodott tat-tabakk b'mezzi li huma foloz, qarrieqa, żleali jew li aktarx toħloq impressjoni żbaljata dwar il-karatteristiċi tiegħu, l-effetti fuq is-saħħa, il-perikli jew l-emissjonijiet;

(b) tissuġġerixxi li prodott tat-tabakk partikolari huwa anqas ta' ħsara minn oħrajn jew għandu effetti ta' vitalità, enerġetiċi, ta' fejqan, li jirriġovinaw, naturali, organiċi jew inkella effetti pożittivi fuq is-saħħa jew soċjali;

imħassar

(d) tixbah prodott tal-ikel.

2. L-elementi u l-karatteristiċi pprojbiti jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal kliem, simboli, ismijiet, marki kummerċjali, sinjali figurattivi jew sinjali oħrajn, kuluri qarrieqa, inserzjonijiet jew materjal addizzjonali ieħor bħalma huma tikketti li jeħlu, stickers, onserts, scratch-offs u sleeves jew jirreferu għall-għamla tal-prodott tat-tabakk innifsu.

Artikolu 13

Id-dehra u l-kontenut tal-pakketti individwali

imħassar

1. Pakkett individwali tas-sigarretti għandu jkun forma ta' kubu. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu l-forma ta' borża, jiġifieri, but rettangolari b'għatu li jkopri l-fetħa. hatu tal-borża għandu jkopri ta' mill-anqas 70 % tal-wiċċ ta' quddiem tal-pakkett. Or it Pakkett individwali tas-sigaretti għandu jinkludi mill-inqas 20 sigarett. Pakkett individwali tat-tabakk tal-brim għandu jkollu tabakk li jiżen mill-inqas 40 g.

2. Pakkett tas-sigaretti jista' jkun tal-kartun jew ta' materjal artab u ma għandux ikollu fetħa li tista' tingħalaq mill-ġdid jew li tiġi sigillata mill-ġdid wara l-ewwel ftuħ, għajr l-għatu flip-top. L-għatu flip-top ta' pakkett tas-sigarretti għandu jkun mitwi f'ċappetta fuq dahar il-pakkett biss.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tiddefinixxi regoli aktar dettaljati għall-forma u d-daqs ta' pakketti individwali sakemm dawn ir-regoli huma meħtieġa biex tkun żgurata l-viżibbiltà sħiħa u l-integrità tat-twissijiet tas-saħħa qabel l-ewwel ftuħ, matul il-ftuħ u wara l-għelqu mill-ġdid ta' pakkett individwali.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li taddotta atti delegati skont l-Artikolu 22 biex tagħmel il-forma kubika jew ċilindrika obbligatorja għall-pakketti individwali tal-prodotti tat-tabakk minbarra s-sigarretti u t-tabakk tal-brim jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi kif stabbilit fir-rapport tal-Kummissjoni.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti individwali kollha tal-prodotti tat-tabakk għandhom jiġu mmarkati b'identifikatur uniku. Sabiex tkun żgurata l-integrità tagħhom, l-identifikaturi uniċi għandhom ikunu stampati/imwaħħla b'tali mod li ma jistgħux jinqalgħu, ma jistgħux jiħassru u bl-ebda mod jinħbew jew interrotti b'xi mod, inkluż permezz ta' bolol tat-taxxa jew il-marki tal-prezz, jew bil-ftuħ tal-pakkett. Fir-rigward tal-prodotti manifatturati barra mill-Unjoni l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu japplikaw biss għal dawk destinati jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Or it

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti individwali kollha tal-prodotti tat-tabakk imqiegħda fis-suq għandhom jiġu mmarkati b'identifikatur uniku, ***sikur u li jkun impossibbli li jiġi dduplikat***. Sabiex tkun żgurata l-integrità tagħhom, l-identifikaturi uniċi għandhom ikunu stampati/imwaħħla b'tali mod li ma jistgħux jinqalgħu, ma jistgħux jiħassru u bl-ebda mod jinħbew jew interrotti b'xi mod, inkluż permezz ta' bolol tat-taxxa jew il-marki tal-prezz, jew bil-ftuħ tal-pakkett. Fir-rigward tal-prodotti manifatturati barra mill-Unjoni l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu japplikaw biss għal dawk destinati jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni. Or it

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-identifikatur ***uniku*** għandu jippermetti li jiġu determinati:

Emenda

2. L-identifikatur ***imsemmi fil-paragrafu 1*** għandu jippermetti li jiġu determinati:

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) l-identità tax-xerrejja kollha mill-

Emenda

(j) l-identità tax-xerrejja kollha mill-

manifattura għall-ewwel **stabiliment tal-bejgħ bl-innut**;

manifattura għall-ewwel **konsumatur**;

Ġustifikazzjoni

Is-sistema T&T tqiegħed piż sinifikanti fuq il-produtturi. Li jkun hekk rekwiżit biex anki d-destinazzjoni tal-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tiżdied mal-informazzjoni huwa kważi impossibbli għall-produtturi ż-żgħar għax huma jiddependu fuq l-intermedjarji. F'kwalunkwe każ, is-suq tal-prodotti intenzjonat huwa importanti biex jitnaqqas il-kummerċ illegali imma l-istabiliment preċiż tal-bejgħ bl-innut jidher irrelevanti. Barra minn hekk, il-kliem oriġinali jmur lil hinn minn dak li kien hemm qbil dwaru fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk.

Emenda 52

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) il-fattura, in-numru tal-ordni u r-rekords tal-ħlas tax-xerrejja kollha mill-manifattura **għall-istabiliment tal-bejgħ bl-innut**.

Emenda

(k) il-fattura, in-numru tal-ordni u r-rekords tal-ħlas tax-xerrejja kollha mill-manifattura **għall-ewwel konsumatur**.

Ġustifikazzjoni

Is-sistema T&T tqiegħed piż sinifikanti fuq il-produtturi. Li jkun hekk rekwiżit biex anki d-destinazzjoni tal-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tiżdied mal-informazzjoni huwa kważi impossibbli għall-produtturi ż-żgħar għax huma jiddependu fuq l-intermedjarji. F'kwalunkwe każ, is-suq tal-prodotti intenzjonat huwa importanti biex jitnaqqas il-kummerċ illegali imma l-istabiliment preċiż tal-bejgħ bl-innut jidher irrelevanti. Barra minn hekk, il-kliem oriġinali jmur lil hinn minn dak li kien hemm qbil dwaru fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk.

Emenda 53

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-

kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel **stabbiliment tal-bejgħ bl-*imnut***, jirreġistraw id-dħul tal-pakketti kollha individwali fil-pussess tagħhom, kif ukoll, il-movimenti kollha intermedjarji u l-aħħar ħruġ mill-pussess tagħhom. Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat billi jkunu rreġistrati f'forma aggregata, eż. tal-ippakkettar estern, bil-kundizzjoni li l-insewiment u l-lokalizzazzjoni tal-pakketti individwali tibqa' possibbli.

kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel ***konsumatur***, jirreġistraw id-dħul tal-pakketti kollha individwali fil-pussess tagħhom, kif ukoll, il-movimenti kollha intermedjarji u l-aħħar ħruġ mill-pussess tagħhom. Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat billi jkunu rreġistrati f'forma aggregata, eż. tal-ippakkettar estern, bil-kundizzjoni li l-insewiment u l-lokalizzazzjoni tal-pakketti individwali tibqa' possibbli.

Ġustifikazzjoni

*Is-sistema T&T tqiegħed piż sinifikanti fuq il-produtturi. Li jkun hekk rekwiżit biex anki d-destinazzjoni tal-istabbiliment tal-bejgħ bl-*imnut* tiżdied mal-*informazzjoni* huwa kważi impossibbli għall-produtturi ż-żgħar għax huma jiddependu fuq l-*intermedjarji*. F'*kwalunkwe każ*, is-suq tal-prodotti intenzjonat huwa importanti biex jitnaqqas il-kummerċ illegali imma l-*istabbiliment preċiż tal-bejgħ bl-*imnut** jidher irrelevanti. Barra minn hekk, il-*kliem oriġinali jmur lil hinn minn dak li kien hemm qbil dwaru fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk*.*

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel ***stabbiliment tal-bejgħ bl-*imnut****, inklużi l-importaturi, l-imħażen u l-kumpaniji tat-trasport bit-tagħmir meħtieġ li jippermetti r-reġistrazzjoni tal-prodotti tat-tabakk mixtrija, mibjugħa, maħżuna, trasportati jew ittrattati b'mod ieħor. It-tagħmir għandu jkun kapaċi li jaqra u jittrasmetti d-data b'mod elettroniku lil faċilità tal-ħżin tad-data skont il-paragrafu 6.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi tal-prodotti tat-tabakk jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi kollha involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku, qabel l-ewwel ***konsumatur***, inklużi l-importaturi, l-imħażen u l-kumpaniji tat-trasport bit-tagħmir meħtieġ li jippermetti r-reġistrazzjoni tal-prodotti tat-tabakk mixtrija, mibjugħa, maħżuna, trasportati jew ittrattati b'mod ieħor. It-tagħmir għandu jkun kapaċi li jaqra u jittrasmetti d-data b'mod elettroniku lil faċilità tal-ħżin tad-data skont il-paragrafu 6.

Ġustifikazzjoni

Is-sistema T&T tqiegħed piż sinifikanti fuq il-produtturi. Li jkun hekk rekwiżit biex anki d-destinazzjoni tal-istabiliment tal-bejgħ bl-innut tiżdied mal-informazzjoni huwa kważi impossibbli għall-produtturi ż-żgħar għax huma jiddependu fuq l-intermedjarji. F'kwalunkwe każ, is-suq tal-prodotti intenzjonat huwa importanti biex jitnaqqas il-kummerċ illegali imma l-istabiliment preċiż tal-bejgħ bl-innut jidher irrelevanti. Barra minn hekk, il-kliem oriġinali jmur lil hinn minn dak li kien hemm qbil dwaru fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk.

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Barra l-identifikatur **uniku**, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-pakketti kollha individwali tal-prodotti tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq ikollhom karatteristika viżibbli tas-sigurtà li ma tistax tintbagħbas b'ħxuna ta' mill-inqas 1 cm², li għandha tkun stampata jew imwaħħla b'tali mod li ma tinqalax, ma tistax titħassar u bl-ebda mod tiġi moħbija jew interrotta b'xi mod, inkluż permezz tal-bolol tat-taxxa jew il-marki tal-prezz, jew elementi oħra stipulati bil-liġi.

Emenda

8. Barra l-identifikatur **imsemmi fil-paragrafu 1**, l-Istati Membri għandhom jesigū li l-pakketti kollha individwali tal-prodotti tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq ikollhom karatteristika viżibbli tas-sigurtà li ma tistax tintbagħbas b'ħxuna ta' mill-inqas 1 cm², li għandha tkun stampata jew imwaħħla b'tali mod li ma tinqalax, ma tistax titħassar u bl-ebda mod tiġi moħbija jew interrotta b'xi mod, inkluż permezz tal-bolol tat-taxxa jew il-marki tal-prezz, jew elementi oħra stipulati bil-liġi.

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Prodotti tat-tabakk minbarra s-sigarretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sat-8 għall-perjodu ta' **(5) ħames** snin wara d-data msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 25.

Emenda

10. Prodotti tat-tabakk minbarra s-sigarretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sat-8 għall-perjodu ta' **(10) għaxar** snin wara d-data msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 25.

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali, mingħajr ħsara għall-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali, mingħajr ħsara għall-Artikolu 151 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja. ***Din il-projbizzjoni għandha, madankollu, ma taffettwax il-prodotti tat-tabakk tradizzjonali għall-użu orali, li jistgħu ikunu permessi minn Stati Membri individwali.***

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Notifika tal-prodotti ġodda tat-tabakk

Emenda

Approvazzjoni tas-suq għall-prodotti ġodda tat-tabakk ***u prodotti inqas perikolużi u notifika tagħhom***

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jesigū li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bi kwalunkwe ***prodotti ġodda*** tat-tabakk li beħsiebhom iqegħdu fis-swieq tal-Istati Membri kkonċernati. ***In-notifika*** għandha tkun sottomessa f'forma elettronika sitt xhur qabel it-tqegħid maħsub fis-suq u għandha

Emenda

1. ***L-Istati Membri għandhom jaħdmu fuq sistema ta' approvazzjoni tas-suq għal prodotti tat-tabakk b'riskju aktar baxx li għandha ssir bi spiża raġonevoli.*** L-Istati Membri għandhom jesigū li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bi kwalunkwe ***prodott ġdid*** tat-tabakk ***u għall-prodotti kollha tat-***

tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni dettaljata tal-prodott in kwistjoni kif ukoll informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet skont l-Artikolu 5. Il-manifatturi u l-importaturi li **jinnotifikaw prodotti ġodda** tat-tabakk għandhom ukoll jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati bi:

tabakk b'riskju aktar baxx li beħsiebhom iquieghdu fis-swieq tal-Istati Membri kkonċernati **permezz ta' applikazzjoni. Din l-applikazzjoni** għandha tkun sottomessa f'forma elettronika sitt xhur qabel it-tqegħid maħsub fis-suq u għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni dettaljata tal-prodott in kwistjoni, **it-tikkettar propost kollu, kundizzjonijiet tal-użu, kompożizzjoni tal-prodott, proċessi tal-manifattura u tal-kontroll** kif ukoll informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet skont l-Artikolu 5. Il-manifatturi u l-importaturi **li japplikaw għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodotti** tat-tabakk **b'riskju aktar baxx** għandhom ukoll jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti in kwistjoni bi:

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-istudji xjentifiċi **disponibbli** dwar it-tossiċità, **l-effett tad-dipendenza u l-attrazzjoni** tal-prodott, b'mod partikolari fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet tiegħu;

Emenda

(a) l-istudji xjentifiċi **relevanti** dwar it-tossiċità tal-prodott, b'mod partikolari fir-rigward tal-ingredjenti u l-emissjonijiet tiegħu;

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-istudji disponibbli u r-riċerka dwar is-suq fuq **preferenzi** ta' diversi gruppi tal-konsumaturi, **inklużi** ż-żgħażaġh u

Emenda

(b) l-istudji disponibbli u r-riċerka dwar is-suq fuq **il-perċezzjoni u l-użu tal-prodott inkluż it-tikkettar mill-konsumaturi kif ukoll dwar il-preferenzi** ta' diversi gruppi

tal-konsumaturi, *speċjalment* iż-żgħażaġh
u

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jinformaw l-awtoritajiet kompetenti taġġhom b'xi taġġrif ġdid jew aġġornat imsemmi fil-punti (a) sa (c) fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jeħtieġu mill-manifatturi jew l-importaturi tat-tabakk li jwettqu testijiet addizzjonali jew jissottomettu informazzjoni addizzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li jirċievu skont dan l-Artikolu. ***L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jintroduċu sistema ta' awtorizzazzjoni u jitolbu ħlas proporzjonat.***

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk jinformaw l-awtoritajiet kompetenti taġġhom b'xi taġġrif ġdid jew aġġornat imsemmi fil-punti (a) sa (c) fil-paragrafu 1.

Il-proċedura l-ġdida tal-awtorizzazzjoni tas-suq fl-Istat Membru għandha tistipula dan li ġej:

- 1. valutazzjoni xjentifika tar-riskji,***
- 2. standards empiriċi rigward l-evidenza tar-riskji għas-saħħa,***
- 3. tnaqqis tas-sustanzi dannużi fid-duħħan,***
- 4. konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 1,***
- 5. sorveljanza ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni.***

Ir-rekwiżiti fir-rigward tat-tikkettar, it-twissijiet tas-saħħa bil-miktub, id-deskrizzjoni tal-prodotti, il-kejl, inklużi l-metodi biex jitkejlu l-ammonti ta' qatran, nikotina u monossidu tal-karbonju, kif

ukoll l-ingredjenti addizzjonali użati fil-prodotti tat-tabakk b'riskju mnaqqas, għandhom ukoll jiġu inklużi fost il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni tas-suq fl-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jeħtieġu mill-manifatturi jew l-importaturi tat-tabakk li jwettqu testijiet addizzjonali jew jissottomettu informazzjoni addizzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li jirċievu skont dan l-Artikolu ***u jinnotifikawha dwar il-proċedura tal-awtorizzazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Dawn l-emendi jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk li huma inqas perikolużi mill-prodotti tat-tabakk konvenzjonali u l-għoti ta' informazzjoni rigward il-benefiċċji tagħhom, sakemm dan jiġi awtorizzat mill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Prodotti ***ġodda*** tat-tabakk imqiegħda fis-suq għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet applikabbli jiddependu fuq jekk il-prodotti jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx fil-punt (29) tal-Artikolu 2 jew tabakk għat-tipjip fil-punt (33) tal-Artikolu 2.

Emenda

3. Prodotti tat-tabakk ***b'riskju aktar baxx*** imqiegħda fis-suq għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. ***Minħabba l-proprjetajiet varji li jnaqqsu r-riskji ta' dawn il-prodotti tat-tabakk, huwa neċessarju li jiġu aġġustati kif inhu xieraq il-metodi tal-kejl imsemmija fl-Artikolu 4, ir-regolazzjoni tal-kontenut imsemmija fl-Artikolu 6 u t-tikkettar u l-ippakkjar imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 9, 10, 12 u 13.*** Id-dispożizzjonijiet applikabbli jiddependu fuq jekk il-prodotti jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx fil-punt (29) tal-Artikolu 2 jew tabakk għat-tipjip fil-punt (33) tal-Artikolu 2.

Emenda 64

**Proposta għal direttiva
Titolu III, titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

PRODOTTI MHUX TAT-TABAKK

imħassar

Emenda 65

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 18

imħassar

Prodotti li fihom in-nikotina

1. Il-prodotti li ġejjin li fihom in-nikotina jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu ġew awtorizzati skont id-Direttiva 2001/83/KE:

(a) prodotti b'livell ta' nikotina ogħla minn 2 mg għal kull unità, jew

(b) prodotti b'konċentrazzjoni ta' nikotina aktar minn 4 mg għal kull ml, jew

(c) prodotti li l-użu maħsub tagħhom jirriżulta f'konċentrazzjoni plażma bl-ogħla massimu medju li jaqbeż 4 ng ta' nikotina għal kull ml.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22 sabiex taġġorna l-kwantitajiet tan-nikotina stipulati fil-paragrafu 1 filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija lil prodotti li fihom in-nikotina skont id-Direttiva 2001/83/KE.

3. Kull pakkett individwali u kull ippakkjar ta' prodotti li fihom in-nikotina taħt il-limiti bażiċi stabbiliti fil-paragrafu

1 għandhom juru t-twissija tas-saħħa li ġeġja :

Dan il-prodott fih in-nikotina u jista' joħloq ħsara għal saħħtek.

4. It-twissija tas-saħħa msemmija fil-paragrafu 3 għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 10(4).

Barra minn hekk, għandha:

(a) tiġi stampata fuq l-akbar żewġ uċuħ tal-pakkett individwali, u kull ippakkjar estern;

(b) tkopri 30 % tal-erja esterna tal-wiċċ li jikkorrispondi mal-pakkett individwali u kull ippakkjar estern. Dak il-proporzjon għandu jiżdied għal 32 % għall-Istati Membri b'żewġ ilsna uffiċjali u 35 % għall-Istati Membri bi tlett ilsna uffiċjali.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 22 sabiex tadatta r-rekwiżiti fil-paragrafi 3 u 4 filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq u biex tadotta u tadatta l-pożizzjoni, il-format, il-layout, id-disinn u r-rotazzjoni tat-twissijiet tas-saħħa.

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmijin fl-Artikoli 3(2), 3(3), 4(3), 4(4), 6(3), 6(9), 6(10), 8(4), 9(3), 10(5), 11(3), 13(3), 13(4), 14(9), 18(2) u 18(5) għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jj daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

2. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmijin fl-Artikoli 6(9) u 14(9) għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jj daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda 67
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħat imsemmijin fl-Artikoli 3(2), 3(3), 4(3), 4(4), 6(3), 6(9), 6(10), 8(4), 9(3), 10(5), 11(3), 13(3), 13(4), 14(9), 18(2) u 18(5) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tiddekorri mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iżjed tard speċifikata fih. Hija ma għandha taffetwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

Emenda 68
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat skont l-Artikoli 3(2), 3(3), 4(3), 4(4), 6(3), 6(9), 6(10), 8(4), 9(3), 10(5), 11(3), 13(3), 13(4), 14(9), 18(2) u 18(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni espressa mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma joġġezzjonawx. Dak il-perjodu għandu jiġi prorogat b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Ara "ġustifikazzjoni qasira"

Emenda

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(9) u 14(9) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tiddekorri mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iżjed tard speċifikata fih. Hija ma għandha taffetwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

Emenda

5. Att delegat skont l-Artikoli 6(9) u 14(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni espressa mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel jispiċċa dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li ma joġġezzjonawx. Dak il-perjodu għandu jiġi prorogat b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 69
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mhux aktar tard minn **ħames** snin mid-data speċifikata fl-Artikolu 25 paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

Mhux aktar tard minn **tlit** snin mid-data speċifikata fl-Artikolu 25 paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 70
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Qabel il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, akkumpanjat minn proposti ta' emenda eventwali tad-direttiva preżenti, il-Kummissjoni ma tistax tuża s-setgħat li ngħatawliha minn din hliief f'każ ta' adattament tad-direttiva għal evidenzi xjentifiċi ġodda.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu evitati bidliet leġiżlattivi ta' spiss wisq, li jġiegħlu lill-Istati jadattaw kontinwament il-leġiżlazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni hija meħtieġa ma tużax is-setgħat li ngħatawliha hliief għal każijiet ta' bżonn assolut, appoġġjati minn provi xjentifiċi evidenti.

Emenda 71
Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Madankollu, Stat Membru jista' jżomm dispożizzjonijiet nazzjonali aktar stretti, applikabbli għall-prodotti kollha bl-istess mod, f'oqsma koperti bid-Direttiva, fuq

2. Din id-Direttiva m'għandhiex teffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu, skont it-Trattat, regoli aktar iebesha dwar il-manufattura, l-

bażi tal-ħtiġijiet urġenti dwar il-ħarsien tas-saħħa pubblika. Stat Membru jista' wkoll jintroduċi dispożizzjonijiet iktar stretti, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni speċifika ta' dan l-Istat Membru u bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet huma ġġustifikati għall-ħtieġa li titħares is-saħħa pubblika. Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet għaż-żamma jew l-introduzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-data li tirċievi n-notifika, tapprova jew tirrifjuta d-dispożizzjonijiet wara li tkun ivverifikat, filwaqt li ħadet inkonsiderazzjoni l-livell għoli tal-ħarsien tas-saħħa miksub permezz ta' din id-Direttiva, jekk humiex ġustifikati, meħtieġa u proporzjonati jew le għall-għan tagħhom u jekk humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perijodu, id-disposizzjonijiet nazzjonali għandhom ikunu meqjusa bħala approvati.

importazzjoni, il-bejgħ u l-konsum ta' prodotti tat-tabakk li huma jqiesu meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika, sakemm daww ir-regoli jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jżommu jew jintroduċu, skont it-Trattat, dispożizzjonijiet nazzjonali dwar aspetti mhux regolati b'din id-Direttiva. Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom ikunu ġustifikati minn raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku u jkunu meħtieġa u proporzjonati għall-għan tagħhom. Dawn ma għandhomx ikunu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma għandhomx

Emenda

imħassar

jipperikolaw l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva.

Emenda 73

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) prodotti tat-tabakk;

Emenda

(a) sigaretti u tabakk tal-brim;

Emenda 74

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) prodotti li fihom nikotina taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 18(1);

Emenda

imħassar

Emenda 75

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 - paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u s-sigaretti tal-brim, li mhumiex konformi ma' din id-Direttiva, jitqiegħdu fis-suq sa [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data eżatta: dħul fis-seħħ + 42 xahar]:

PROĊEDURA

Taqsim	Approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati
Referenzi	COM(2012)0788 – C7-0420/2012 – 2012/0366(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 15.1.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.1.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Robert Goebbels 6.3.2013
Eżami fil-kumitat	25.4.2013
Data tal-adozzjoni	20.6.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 10 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Judith A. Merkies, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Cristina Gutiérrez-Cortines, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Gunnar Hökmark, Bernd Lange
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jerzy Buzek, Bas Eickhout, Philippe Lamberts